MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' 04 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1516/1996/1

**Farcut Limited**

**vs**

**Paul u Mary konjugi Grech**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi s-socjeta' attrici tqabbdet mill-konvenuti sabiex jaghmlulhom xi xoghol ta' thaffir ta' trinek u tqeghid ta' cables u thaffir ta' drainage go Triq Elija Zammit, San Giljan;

Illi komplessivament ghall-imsemmi xoghol il-konvenuti huma debituri versu s-socjeta' attrici fis-somma globali ta' elf mija tnejn u tmenin lira Maltin (Lm1182.00,0);

Illi dan l-ammont huwa certu, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta' attrici l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'iressqu ghat-talba attrici;

Illi l-konvenuti diversi drabi interpellati jhallsu baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. tiddeciedi ghat-talba tas-socjeta' attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' elf mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm1182.00,0);

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn gie eccepit :-

(1) Fl-ewwel lok l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini ta' l-Artikolu 2149 (a) tal-Kodici Civili;

(2) Bla pregudizzju ghall-premess it-talba attrici in kwantu diretta kontra l-eccipjenti, ghandha tigi michuda in kwantu insostenibbli;

(3) F'kull kaz ghandu jigi kjamat in kawza Kevin Sammut li kien ko-socju ma' l-eccipjenti u li assuma l-obbligazzjonijiet kollha;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhom;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet rigwardanti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2001 minn fejn jirrizulta li l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tal-konvenuti fis-somma komplessiva ta' elf mija tnejn u tmenin lira Maltin (Lm1182) u dana ghal xoghol li ghamlet fuq struzzjonijiet tal-konvenuti, liema xoghol kien jikkonsisti fi thaffir ta' trinek, tqeghid ta' cables u thaffir ta' dranagg ghar-rigward ta’ hanut tax-xorb li jinsab go Triq Elija Zammit, San Giljan;

Preliminarjament il-konvenuti qed jeccepixxu li din l-azzjoni hi preskritta ai termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili;

Dan l-artikolu jipprovdi fost affarijiet ohra li l-azzjonijiet tal-kuntratturi ta' bini ta' kwalunkwe natura jew ta xogholijiet ohra ta' injam, gebel jew materjal iehor ghall-opri mahduma minnhom jew ghall-materjal li jfornu jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn;

Jirrizulta li dawn il-provedimenti huma applikabbli ghall-azzjoni in kwestjoni. Del resto ma saret ebda kontestazzjoni f'dan ir-rigward da parti tas-socjeta attrici. Dirigenti tas-socjeta attrici inoltre kkonfermaw li x-xogholijiet in kwestjoni gew esegwiti fil-1993 fuq struzzjonijiet tal-konvenut Grech. Jirrizulta li c-citazzjoni giet presentata f'Mejju 1996 u cioe' ferm wara li ghadda t-terminu ta' sentejn kif stipulat fl-artikolu tal-ligi in kwestjoni. Ma jirrizultax li fil-frattemp is-socjeta attrici interpellat ufficjalment il-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont in kwestjoni;

Dirigenti tas-socjeta attrici donnhom qed jghidu li l-preskrizzjoni b'xi mod giet interrotta peress li kien hemm l-ammissjoni tal-konvenut Grech ghar-rigward tal-ammonti pretizi. Din l-allegazzjoni pero' ma tirrizultax sufficjentement pruvata;

In effett lanqas ma jirrizulta sufficjentement pruvat li s-socjeta attrici tat il-kont relattiv lill-istess konvenut Grech. Difatti dirigenti tas-socjeta attrici qalu li huma ikkonsenjaw bl-idejn dan il-kont lill certu Sammut, li skond huma kien shab mal-konvenut Grech fin-negozju relattiv. L-istess dirigenti jghidu li dan Sammut kellu jghaddi l-kont lill-konvenut Grech. F'dawn ic-cirkostanzi jista jinghad li ma hemmx prova li l-kont gie effettivament konsenjat lill-konvenut Grech u dana ukoll in vista tal-fatt li l-imsemmi Sammut ma giex prodott biex jixhed mis-socjeta' attrici;

L-imsemmija dirigenti tas-socjeta attrici kif intqal isostnu li l-konvenut Grech fin-negozju gestit fil-hanut in kwestjoni kien shab ma l-imsemmi Sammut. Din ic-cirkostanza pero' hi ukoll dubjuza stante li s-socjeta attrici ghazlet li tipprocedi biss kontra l-konvenut Grech. L-istess dirigenti tas-socjeta attrici ma gharfux jghidu ghaliex huma pprocedew biss kontra Grech u mhux kontra Sammut ukoll;

L-istess dirigenti tas-socjeta attrici jghidu li l-konvenut Grech ghar-rigward ta' dan il-kreditu pretiz kien jghidilhom li kien ser jirranga. Huma kkonfermaw ukoll li l-istess Grech sussegwentement beda jghid li hu ma kellux x'jaqsam mal-ammonti pretizi mis-socjeta attrici. F'dawn ic-cirkostanzi zgur li ma jistax jinghad li l-konvenut Grech b'xi mod ammetta li kellu jghati l-ammonti in kwestjoni;

Barra minn hekk wiehed min dawn id-dirigenti ghamel referenza ghal dokument li skond hu gie konsenjat lilu mill-konvenut Grech, pero' l-istess dirigent naqas li jipproduci dan id-dokument nonostante li kien ipprometta li ser jghamel hekk;

In vista ta' dan kollu l-azzjoni fil-konfront tal-konvenuti tirrizulta preskritta ai termini tal-imsemmija provedimenti u konsegwentement it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa l-eccezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara li l-azzjoni attrici hi preskritta ai termini ta' l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili u konsegwentement u fit-tieni lok billi tichad it-talbiet kollha attrici;

Spejjez kontra s-socjeta attrici.